DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2012/687/PESK

tas-6 ta' Novembru 2012

li temenda d-Deċiżjoni 2010/413/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK tas-26 ta' Lulju 2010 dwar miżuri restrittivi kontra l-Iran [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 23(2) tagħha,

Billi:

(1) Fis-26 ta' Lulju 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/413/PESK.

(2) Għandha tiddaħħal entità addizzjonali fil-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi stabbilita fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-entità elenkata fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni għandha tiżdied mat-taqsima B tal-parti I tal-lista stabbilita fl-Anness II tad-Deċiżjoni 2010/413/PESK.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Novembru 2012.

Għall-Kunsill

Il-President

A. D. MAVROYIANNIS

[1] ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39.

ANNESS

ENTITÀ MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 1

B. **Entitajiet**

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
1.	National Iranian Oil Company Nederland (magħrufa wkoll bħala: NIOC Netherlands Representation Office)	Blaak 512, 3011 TA and Weena 333, 3013 AL Rotterdam, Netherlands. Tel. +31 (10) 225 0177, +31 (10) 225 0308. http://www.nioc-intl.com/Offices_Rotterdam.htm.	Sussidjarja tan-National Iranian Oil Company (NIOC).	7.11.2012